Minuti tal-Laqgħa Nru. 17 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 6 ta' Awwissu 2013 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Skużata | Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Attivita taż-Żgħażagħ
5. Trasport Pubbliku
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati b' vot unanimu.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Segretarju informa lill-Kunsilliera li kien hemm żball fix-xahar fuq l-Aġenda fejn minflok Lulju din kellha tkun Awwissu.

2.2 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li t-tournament li kien qed jorganiżża l-Kunsill ta Ħal Safi ma sarx peress li ma kienx hemm biżejjed konkorenti.

2.3 Il-Kunsillier Falzon ġie mitlub biex jagħti aġġornament fuq it-training camp li kien organiżżat mill-Luqa St. Andrew's FC. Huwa semma li t-tfal ingħataw training minn coaches professjonali. Huma ġew ukoll mistiedna biex jistudjaw tatiċi ta logħob minn players barranin. Huwa qal li dan it-training camp kien ferm interessanti fejn it-tfal ibbenifikaw u tgħallmu affarijiet ġodda.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li fi triq Patri Damjan Taljana kien hemm bżonn li terġa titwaħħal No Entry Sign peress li dik li kien hemm fil-bidu tat-Triq ġiet nieqsa.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li t-tabella tan-No Entry li hemm f' nofs St. Joseph Street trid tinbidel peress li din ftit għadha tidher. Huwa semma wkoll li hemm bżonn li jsir tindif fejn hemm l-egħlieqi magħrufa tat-Taljan. Huwa qal li minħabba li m' hemmx ilqugħ qed ikun ħafna rimi ta skart u qtates li qed iħammġu ż-żona. Huwa saqsa jekk jistax jittella' ħajt biex jitnaqqas dan l-abbuż. Is-Sindku qal li din iż-żona hemm biċċa kbira fejn irrid jittella' ħajt. Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex iġib id-dettalji ta sid l-art u navżawh sabiex itella' ħajt.

3.3 Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li hemm bżonn li jkun hemm embellishment fil-Bandli ta' Ħal Luqa. Huwa ppropona sabiex jitbiddlu ċertu bandli u jiżdiedu l-playing areas. Is-Sindku rrisponda li huwa diġa kellu laqgħa mal-Perita fuq dan is-suġġett fejn se tkun qed tistħareġ biex tinstab soluzzjoni u jkun hemm tqassim aħjar. Is-Sindku qal li darba oħra li terġa ssir laqgħa fuq il-Bandli jkun hemm ukoll il-Kunsillier Caruana. Il-Kunsillier Caruana appella wkoll li hemm bżonn li jitnaddfu l-bankijiet billi dawn huma mimlija bil-ħmieġ tal-għasafar.

3.4 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk kellix issir xi crossing bit-traffic lights fi Triq San Tumas. Is-Sindku irrisponda li fuq dan il-crossing huwa diġa għamel diversi appelli lit-Transport Malta biex dan issir peress li t-Triq imsemmija hija taħt ir-responsabilta tagħhom. Huma minn naħa tagħhom infurmawh li kienu ħarġu tenders biex issir dan ix-xogħol. Is-Sindku appella wkoll lill-Kunsilliera preżneti biex jinfurmaw lir-residenti meta huma jistaqsu fuqha billi dawn ma jkunux jafu x' inhi s-sitwazzjoni propja.

3.5 Is-Segretarju avża li se jsir seminar minn naħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fuq proposti għal devoluzzjoni tas-servizzi tas-saħħa primarja lill-Kunsilli Lokali.

3.6 Is-Sindku informa li se jsir sports festival minn naħa tar-Reġjun Nofsinhar fejn hemm abbinati xi premjijiet. Huwa informa li kien għaddha d-dettalji tal-Kunsillier Falzon u l-President tal-Youth Nursery.

3.7 Il-Kunsillier Caruana semma li l-bins li kellhon jittieħdu lill tal-football kienu ittieħdu.

3.8 Is-Sindku semma li minn naħa tal-GAL Xlokk kienet ħarġet espressjoni t' interess sabiex Kunsilli Lokali jagħtu l-proposti tagħhom fuq x' attivitajiet kulturali jixtiequ jorganiżżaw is-sena d-dieħla. Is-Sindku semma li l-Kunsill kien diġa ressaq il-proposti tiegħu għal żmien Jum Ħal Luqa.

3.9 Is-Sindku semma wkoll li kienet saret laqgħa mal-Ministeru tal-Onor. Konrad Mizzi, fejn fosthom reġgħet tresqet it-talba persistenti li kien qed jagħmel il-Kunsill sabiex isir l-istreet lighting fi Triq Ħal Farruġ u Triq Valletta.

3.10 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li se ssir ħarġa wara Santa Marija, ġurnata mal-pool għal dawk it-tfal li qed jattendu is-Summer School. Din se tkun għal Hotel Antonin il-Mellieħa.

## 4.0 ATTIVITA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

4.1 Is-Sindku semma li minn naħa tal-Youth Centre se ssir attivita li kienet qed tiġi organiżżata b' kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Huwa qal li għal din is-serata se jkun qed jagħti aktar dettalji l-quddiem lill-Kunsilliera sabiex dawn jattendu.

## 5.0 TRASPORT PUBBLIKU

5.1 Is-Sindku semma li dwar it-Trasport pubbliku saret laqgħa mal-Ministru l-Onor. Joe Mizzi fejn kien hemm preżenti wkoll il-Viċi Sindku u s-Segretarju. Huwa qal li din kienet laqgħa pożittiva ħafna fejn fost l-oħrajn issemmiet l-proposta li jkun hemm karozza tal-linja għal Belt minn Ħal Luqa kull kwarta. Huwa semma li dan it-tibdil se jkun parti minn tibdiliet oħrajn li se jirrigwardaw iż-żoni tagħna. Huwa qal li dan it-tibdil jista' jsir għall ħabta ta' Novembru.

5.2 Is-Sindku semma wkoll li matul din il-laqgħa issemmew il-bus shelters. Huwa qal li se ssir laqgħa fuq il-post biex dawn ikunu evalwati sew dawn il-postijiet. Il-Kunsillier Caruana semma li jistgħu jintużaw il-pjanti li kien ħoloq il-perit Mariello Spiteri fuq it-traffic management għal Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra fil każ ta dan il-bus shelter.

## 6.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

6.1 Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa kontra l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart. Huwa semma li minn naħa tiegħu huwa lest li jgħaddi mozzjoni sabiex dan jitwaqqaf mis-servizz tiegħu peress li kien qed ikun hemm diversi ilmenti. Is-Sindku semma li hemm proċeduri li jridu jkunu osservati u mhux la kemm wieħed jgħaddi mozzjoni. L-ewwel iridu jinħarġu diversi twissijiet bil-miktub skont il-liġi. Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa se jivvota kontra l-pagament dovut lill-kollettur.

6.2 Is-Sindku appella li l-kont relatatt mad-dawl li kien intrama waqt żmien il-Milied m' għandux jitħallas kollu f' daqqa imma għandu jinqasam. Huwa appella biex darb oħra ma jitħalliex il-kuntrattur jtella ammont sostanzjali qabel ma jibgħat il-kont.

6.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq l-ammont tal-ġibjun ta Ħal Farruġ. Is-Sindku semma li dan il-pagament se jinqasam. Huwa qal li dan irid jinħareg minn naħa tal-Kunsill peress li dan il-ġibjun ma kienx stmat minn qabel mat-tender tal-proġett u l-Kunsill kien sfurzat biex jagħmel il-ġibjun sabiex jinħareġ il-permess minn naħa tal-MEPA. Is-Sindku ta rendikont tax-xogħol li kien qed issir fuq il-proġett tal-Family Park, fejn huwa semma li kienet saret bankina, boundary wall u bdew jitwaħħlu l-bandli fuq il-bażijiet tal-konkos li saru apposta għalihom. Huwa semma li f' Area B li hija l-ikbar żona waslet fil-fażijiet finali li din titlesta, fejn huwa qal li jonqos il-fencing. Il-membri tal-Kunsill preżenti awguraw dan ix-xogħol u approvaw dak li kien qed isir skont anki aġġornamenti li ta s-Sindku f' laqgħat preċedenti.

6.4 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq x' inhuma l-ammont dovut lill-Wastserv. Is-Segretarju qal li dawn huma tipping fees tal-iskart li jinġabar kuljum.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar it-Tlieta 6 ta' Awwissu 2013, fis-6.30 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss

Konfermati llum _______________________ 2013.

_____________________
John Schembri
Sindku

_____________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv